**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW LI LTAQA' BEJN IL-ĦAMIS 25, U L-ĠIMGĦA 26 TA' ĠUNJU 2015**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew li ltaqa' nhar il-Ħamis 25 u l-Ġimgħa 26 ta' Ġunju, u li l-konklużjonijiet tiegħu qed inpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra.

## ATTAKKI TERRORISTIĊI

Nixtieq iżda nibda billi nitkellem dwar l-attakki terroristiċi li seħħew nhar il-Ġimgħa li għaddiet, kważi fl-istess ħin, fit-Tuneżija, Kuwajt u Franza, flimkien ma' attakki u ħruxijiet oħra li seħħew fis-Sirja u s-Somalja.

L-ewwel nett, f'isem il-Gvern u poplu Malti nesprimi l-kondoljanzi tiegħi lill-familjari tal-vittmi kollha. Qabel ma nkompli, naħseb li xieraq li din il-Kamra tieqaf għal minuta silenzju.

Mhux se noqgħod nagħti rendikont ta' dak li ġara iżda se nillimita ruħi għal xi kunsiderazzjonijiet u biex nindirizza tħassib leġittimu li jista' jkollhom Maltin u Għawdxin.

Dawn l-attakki ma jistgħux jiġu mpinġija bħala xi ġlieda bejn iċ-ċiviltajiet u r-reliġjonijiet. Ikun simplistiku wisq li jsir hekk. Biżżejjed wieħed jiftakar li wieħed mill-attakki sar fuq Moskea fil-Kuwajt fejn Musulmani minn orjentazzjonijiet differenti ta' din ir-reliġjon kienu qed jitolbu flimkien.

Sa issa mhux magħruf jekk l-attakki kinux ikkordinati. Li jidher ċar iżda li kienu mnebbħa mill-istess ideoloġija ta' terrur. L-aqwa soluzzjoni fit-tul hija l-edukazzjoni, xogħol u żvilupp, minkejja li tinkwieta tara li ż-żagħżugħ li wettaq l-attakk ta' Sousse kien student universitarju. L-inkwiet ikompli jikber b'rapporti li dan iż-żagħżugħ seta' ġie mħarreġ f'kamp fil-Libja.

Tajjeb li qabel wieħed jivvjaġġa barra l-pajjiż, wieħed jara l-pariri li jagħti l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, kif jagħti kull pajjiż.

Wara l-attakki ta' nhar il-Ġimgħa tkellimt mal-forzi tas-sigurtà tal-pajjiż li infurmani li m'għandhomx informazzjoni ġdida li tindika li pajjiżna jista' jkun f' periklu ta' attakk.

Ovvjament, ħadd ma jista' jeskludi kollox b'mod kategoriku. Anki jekk wieħed jara n-natura ta' xi attakki, wieħed ma jistax jagħmel dan. Pereżempju, fi Franza l-attakk sar minn persuna waħedha permezz ta' sikkina u trakk. Xi ħaġa bħal din diffiċli li tipprevenih, tkun kemm tkun sofistikata s-sistema ta' sigurtà tal-pajjiż. Għalhekk, tiżdied l-importanza tal-*intelligence*.

F'dan il-kuntest intenni li l-forzi tas-sigurtà m'għandhomx informazzjoni ġdida, la min-naħa tagħhom u lanqas minn servizzi ta' pajjiżi oħra, li jissuġġerixxi li pajjiżna jista' jkun f'periklu ta' attakk.

Dan ma jfissirx li nistgħu nintelqu. Ġejt assigurat li qed jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji. Dan huwa ħin fejn filwaqt li nkunu viġilanti ma nikkawżawx allarmiżmu żejjed li jkun kontraproduċenti, u jwassalna biex inbiddlu l-ħajja normali tagħna.

Dak li l-Maltin u Għawdxin ta' rieda tajba jistgħu jagħmlu mhux li jallarmaw ruħhom jew lill-oħrajn, iżda li jekk josservaw xi ħaġa mhux tas-soltu javżaw direttament lill-forzi ta' sigurtà tal-pajjiż.

## GREĊJA

Dan il-Kunsill kellu ppjanat li jiffoka fuq l-immigrazzjoni; is-sigurtà u d-difiża Ewropea; l-Unjoni Ekonomika u Monetarja; ix-xogħol, it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività; kif ukoll fuq is-sitwazzjoni relatata mar-Renju Unit u r-referendum li hu mistenni jsir dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea. Ovvjament dan kollu ġie *overshadowed* mill-iżviluppi fil-kwistjoni tal-bailout tal-Greċja li ħadet l-ewwel parti tal-Kunsill Ewropew, liema sitwazzjoni kompliet tiżviluppa kif se nispjega matul tmiem il-ġimgħa wkoll, wara li ntemm il-Kunsill Ewropew.

Se niffoka l-ewwel dwar il-kwistjoni tal-Greċja.

Bħal-lum ġimgħa aġġornajt lill-Parlament dwar *summit* straordinarju tal-mexxejja taż-Żona Ewro. Dan ġie segwit minn laqgħat tal-Eurogroup l-Erbgħa, Ħamis u Sibt, u li bejniethom komplew id-diskussjonijiet mal-Greċja.

Fil-bidu tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Eurogroup, Jeroen Dijsselbloem spjega kif filgħodu bagħat il-proposti maqbula bejn it-tliet istituzzjonijiet (il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali), li sfortunatament il-Gvern Grieg ma qabilx magħhom. Ġie spjegat ukoll li wara, il-Gvern Grieg bagħat numru ta' proposti tiegħu li riedu jiġu eżaminati mill-istituzzjonijiet Ewropej.

Fil-Kunsill Ewropew kien hemm qbil li n-negozjati għandhom isiru fuq livell tekniku u ta' Eurogroup, kif sar fil-każijiet ta' pajjiżi oħra.

Irrid ngħid li kien hemm sentimenti kontrastanti ħafna matul il-Kunsill. Il-Ħamis il-qagħda kienet pjuttost drammatika, iżda din inbidlet għal ottimiżmu kawt il-Ġimgħa minħabba li sar magħruf li d-differenza bejn iż-żewġ naħat kienet naqset u saret waħda relattivament żgħira.

Madankollu l-Ġimgħa filgħaxija wara l-Kunsill Ewropew, il-Prim Ministru Grieg Alexis Tsipras mar pajjiżu u sejjaħ referendum biex il-poplu Grieg jivvota favur jew kontra l-kundizzjonijiet tal-pakkett li ngħatat il-Greċja biex tieħu *bailout* oħra, u fuq kollox ha pożizzjoni li l-Gvern se jipproponi vot kontra.

Dan għamlu bla ma ta l-ebda avviż lill-Kunsill Ewropew.

Filwaqt li ġimgħa ilu kont semmejt f'dan il-Parlament stess li din kienet possibbiltà, ma kontx nemmen li din l-għażla fuq kollox leġittima u demokratika, setgħet tintuża għal wara li skada ż-żmien biex jitħallsu l-kredituri, jiġifieri llum. Jekk xejn, kellu jsir qabel.

Din il-mossa hija leġittima iżda irresponsabbli minħabba t-*timing* tagħha. Agħar minn hekk imminat għal kollox is-sens ta' fiduċja li jkun hemm bżonn f'diskussjonijiet delikati bħal dawn.

Is-Sibt wara nofs in-nhar dan is-sentiment kompla joħroġ biċ-ċar waqt il-Eurogroup wara li l-Greċja ħarġet 'il barra minn din il-laqgħa. Dan wassal biex il-Eurogroup irrifjuta estensjoni għall-*bailout* tal-Greċja.

Illum skada ż-żmien li fih il-Greċja riedet trodd lura €1.6 biljuni mis-self mill-Fond Monetarju Internazzjonali.

Tajjeb li ngħid li lbieraħ il-Greċja onorat ħlas zgħir ta' €60,000 lill-fond Ewropew biex b'hekk teknikament segwiet il-proċedura mal-kredituri Ewropej.

Dak li qed jiġri llum huwa li l-fond Ewropew, il-European Financial Stability Facility (EFSF) f'isem il-Gvernijiet Ewropej, qed jirriserva d-drittijiet tiegħu. Jiġifieri, qed jgħid li fil-waqt opportun se jitlob flusu lura. Dan il-waqt jiddependi minn dak li jiġi deċiż mill-poplu Grieg fir-referendum ta' nhar il-Ħadd. Il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea qegħdin fil-prattika jagħtu ftit żmien lill-Greċja qabel ma jeskalaw l-affarijiet.

Ovvjament, il-ħsara fis-swieq ma setgħetx tinżamm.

Jekk il-poplu Grieg jivvota 'iva', wieħed jifhem li l-Gvern Grieg jiffirma l-ftehim. Dan ikun ifisser li l-affarijiet jistgħu jimxu 'l quddiem, anki jekk wieħed ma jeskludix li l-Gvern Grieg ikun irid b' xi mod ikompli jinnegozja. Dan dejjem filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li jekk il-poplu jmur kontra l-parir tal-Gvern tiegħu, il-pożizzjoni tal-Gvern tiddgħajjef politikament u tista' ma tibqax tenibbli.

Jekk il-poplu Grieg jivvota 'le' qed ikun effettivament jivvota biex joħroġ mill-Ewro.

L-aktar xenarju li jinkwieta lil ħafna huwa dak li qed jimbuttaw għalih xi forzi politiċi fil-Greċja, fejn qed iħeġġu lin-nies ma joħorġux jivvutaw biex ma jintlaħaqx il-kworum ta' 50%. Dan ikun ifisser riżultat inkonklussiv li jġib miegħu aktar inċertezza.

Tajjeb li ngħid li l-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Malta Financial Services Authority ikkonfermaw mal-Gvern Malti li ma kienx hemm banek Maltin li huma esposti fuq xi livell notevoli lejn il-Greċja u istituzzjonijiet finanzjarji ta' hemm.

Hemm tħassib dwar banek f'pajjiżi oħra bħal Ċipru (membru taż-Żona Ewro), il-Bulgarija u r-Rumanija (membru tal-Unjoni Ewropea iżda mhux taż-Żona Ewro), is-Serbja u t-Turkija (mhux membri tal-Unjoni Ewropea).

Qed jittieħdu passi biex jiġu minimizzati r-riskji ta' kontaġġjoni speċjalment fiż-Żona Ewro.
Wieħed irid jara kif se jittieħdu azzjonijiet f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea iżda mhux taż-Żona Ewro.

Sadanittant, matul dawn il-jumejn, il-Gvern Grieg l-ewwel talab għal estensjoni tal-programm għal xahar, liema talba ġiet rifjutata.

Dalgħodu kien hemm rapporti li l-Kummissjoni Ewropea għamlet offerta oħra lill-Greċja, iżda din l-offerta, jekk saret, ma ġietx diskussa mal-Istati Membri.

Illum wara nofsinhar, il-Gvern Grieg talab għal programm ġdid ta' sentejn u ristrutturar tad-dejn. Din it-talba għadha ma ġietx diskussa iżda wieħed irid jinnota dan l-iżvilupp fid-dawl li l-Greċja kienet telqet mit-taħditiet.

Fis-7.00 tal-lejla se ssir *teleconference* fost il-Ministri tal-Finanzi tal-Eurogroup sabiex jiddiskutu dawn l-iżviluppi.

Sur President nixtieq ninforma lill-Kamra wkoll dwar l-aħħar żviluppi li seħħew mill-ħin li nkitbet din l-istqarrija nofsiegħa ilu. L-ewwel nett, bħalissa għaddejjin taħditiet fuq livell tekniku mal-Greċja, jiġifieri l-Greċja b'xi mod jew ieħor, b'mod formali, talbet hija stess li tiġi lura mal-mejda tan-negozjati. Il-Greċja li talbet li tingħata *bailout* ġdid ta' sentejn permezz ta' estensjoni tal-*bailout* eżistenti. L-ewwel indikazzjonijiet huma li din il-proposta *won't fly* għax hemm biss talba, ma hemm l-ebda konċessjoni. Iżda, minn informazzjoni li qiegħed jgħaddili l-Ministru tal-Finanzi jidher li formalment in-negozjati reġgħu ma bdewx. Il-Gvern Grieg qed jgħid li kemm-il darba jerġgħu jinfetħu n-negozjati u jkun hemm xi tip ta' proposta fuq il-mejda u jkun hemm qbil fuq il-*prior actions* li jrid jilleġiżla dwarhom il-Parlament Grieg qabel ma jingħata xi estensjoni tal-programm, ikun lest ibiddel il-parir tiegħu lill-poplu, ċjoè jbiddel il-parir tiegħu fuq ir-referendum minn 'le' għal 'iva', jew saħansitra li jissospendi r-referendum. Dan huwa li għadu kif qal il-Gvern Grieg lis-sieħba Ewropej miġburin madwar il-mejda. Din tista' tkun *breakthrough* iżda tista' tkun ukoll logħba biex wieħed jiggwadanja aktar ħin; għax li pajjiż ma jonorax l-obbligi tiegħu mal-Fond Monetarju Internazzjonali ma hix xi ħaġa li tista' tittieħed *lightly,* anzi hija kwistjoni gravissima. Tista' tkun ukoll attitudni politika ta' 'mhux aħna ma ridniex, intom ma ridtux'. Naħseb li għadu kmieni wisq li l-Gvern Malti jippronunzja ruħu dwar dawn l-avvenimenti li għadhom iseħħu – kemm il-proposta li jbiddel il-pożizzjoni tiegħu dwar ir-referendum jew li jiġi pospost ir-referendum ma hix proposta li qiegħda hemmhekk – għax il-mistoqsija hija x'ser jiġri llejla wara nofsillejl. Il-kwistjoni hi li għandna sa nofsillejl biex ninnegozjaw – jekk id-deċiżjoni tkun li jiġi estiż il-messaġġ ikun li b'strateġiji *haphazard* ikun qed jgħaddi kollox. Dan huwa perijodu delikat ħafna; minn hawn u ftit ieħor jibda l-Eurogroup. Naħseb li, bi qbil man-naħa l-oħra tal-Kamra, jekk ikun hemm xi żviluppi sinifikanti waqt is-seduta stess aktar tard inkun nista' nagħmel xi tip ta' stqarrija oħra. L-azzjonijiet ta' Gvern Grieg, filwaqt li leġittimi, ma wasslu għal xejn. Il-pass li jmiss jrid jiġi mill-poplu Grieg li jrid jagħti indikazzjoni ta' fejn irid imur.

Malta temmen li l-Greċja għandha tibqa' membru taż-Żona Ewro u min-naħa tagħna qegħdin nagħmlu mill-aħjar li nistgħu f'dan ir-rigward, però mas-solidarjetà tiġi wkoll r-responsabbiltà.

L-azzjonijiet tal-Gvern Grieg fl-aħħar jiem, filwaqt li huma leġittimi, ma għenu xejn.
Iżda s-sinjal li jmiss irid jiġi mingħand il-poplu Grieg, li jrid juri fejn irid imur.

## IMMIGRAZZJONI

Dan il-Kunsill Ewropew kellu bħala tema ċentrali l-immigrazzjoni.

Għall-ewwel darba sar pass pożittiv, din id-darba b'mod konkret, biex jinqasam il-piż u r-responsabbiltà tal-immigrazzjoni bejn il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Kien hemm qbil fuq prinċipju ewlieni ta' qsim tar-responsabbiltà bejn il-pajjiżi kollha Ewropej.

Issa għandna l-kelma ta' kull stat membru – ħlief dawk li fit-trattat tas-sħubija tagħhom innegozjaw id-dritt ta' *opt-out* (ir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka) u dawk li bħalissa qed jirċievu ħafna immigranti minn fuq l-art, jiġifieri Bulgarija u l-Ungerija – li se jieħu ammont ta' immigranti minn madwar 60,000 persuna li talbu l-ażil fl-Italja u l-Greċja li fl-aħħar xhur affaċċjaw influss qawwi ta' immigranti.

Dak li ġie maqbul hu l-ewwel pass 'il quddiem bla preċedent fis-solidarjetà bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-immigrazzjoni.

Id-diskussjoni damet sas-sigħat bikrin ta' filgħodu minħabba nuqqas ta' qbil fuq id-diċitura. Filwaqt li fuq naħa kien hemm reżistenza biex din l-iskema tissejjaħ mandatorja, min-naħa l-oħra, Malta u l-Italja fost oħrajn irreżistejna li nerġgħu niġu għal sitwazzjoni fejn ikollna xi proġett volontarju fejn ma jkun hemm ebda commitment. Dan ma kienx ikun aċċettabbli għalina għax kien ikollna l-istess falliment li kien seħħ ftit tas-snin ilu meta l-istati membri tħallew b'mod volontarju joffru huma jekk iridux jagħtu l-għajnuna. Kulħadd jaf ir-riżultat ta' dak il-ftehim.

L-*issue* ma kinitx li kien hemm pajjiżi li riedu jgħinu u oħrajn li ma ridux jgħinu, iżda li kien hemm pajjiżi tal-Lvant li riedu li tkun għażla tagħhom li jidħlu jgħinu.

Wasalna fi qbil li lesti li naqblu li kull pajjiż jagħżel li jidħol għal din is-sistema, iżda bil-patt u kundizzjoni li kull pajjiż jaċċetta dak il-ħin li jidħol. Hekk sar.

Kull stat membru qabel ma' dan u b'hekk issa qablu li huma obbligati li jieħdu ammont ta' immigranti li għandu jiġi maqbul fuq livell tekniku fil-livell ta' Kunsill tal-Ministri.

Issa għandna sistema fejn kulħadd qabel li jerfa' parti mir-responsabbiltà tal-emerġenza li kienu qed jaffaċċjaw il-Greċja u l-Italja.

Dan huwa preċedent importanti ħafna għal pajjiżna u se nispjega għaliex.

Fl-2011 daħlu Malta 1,579 immigrant; fl-2012 daħlu 1,890 immigrant u fl-2013 daħlu 2,008 immigrant.

Jekk taqta' l-2010 meta kienu daħlu 50 persuna (minħabba ftehim kontroversjali li kien sar bejn Berlusconi u Gaddafi), fl-2014 kellna l-inqas numru ta' immigranti li daħlu f'Malta mill-2003 'il hawn, jiġifieri 568.

Din is-sena, s'issa daħlu 92 persuna.

Jekk tħares lejn l-2014 u l-2015 żgur li ħadd ma jista' jgħidilna li teżisti xi emerġenza ta' immigranti f'Malta. Kif dejjem għedna, dan jista' jinbidel mil-lum għall-għada bil-wasla ta' ftit dgħajjes.

Dan it-tnaqqis drastiku ta' immigranti li jaslu fuq xtutna wasal bis-saħħa ta' koperazzjoni politika eċċellenti mal-Italja.

Allura l-għażla tagħna kienet jew li nissieħbu f'dan il-proġett biex jinqasam il-piż, jew niġġieldu biex ma nissiħbux u mmorru kontra sistema li ilna tant snin naħdmu għaliha bħala pajjiż.

Konna noħorġu ta' inkonsistenti u konna nispiċċaw f'sitwazzjoni li jekk niġu – nerġa' nisħaq mil-lum għall-għada – f'sitwazzjoni ta' emerġenza, jgħidulna issa se dduru fuqna għall-għajnuna?

Nemmen li bil-pożizzjoni li ħadna, erbaħna kredibilità, urejna konsistenza fl-argument tagħna u ksibna preċedent li f'każ li niġu bżonn, insibu l-għajnuna tal-Ewropa kollha.

Il-Kunsill Ewropew qabel ukoll fuq miżuri ċari għar-ritorn f'pajjiżhom ta' immigranti li ma għandhomx dritt għall-protezzjoni internazzjonali. F'dan is-sens, hu mistenni li jkun hemm djalogu mal-pajjiżi ta' oriġini, fejn jiġi ppreżentat lilhom pakkett globali bħala sapport għan-negozjati.

Intlaħaq qbil ukoll biex l-Istati Membri kollha jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Return Directive, fejn isiru l-isforzi kollha biex jintbagħtu lura dawk l-immigranti li ma għandhomx dritt għall-ażil fl-iqsar żmien possibbli. F'dan is-sens, ġie ssuġġerit ukoll tibdil fil-Frontex Regulation sabiex issaħħaħ lill-Frontex u tingħata s-setgħa li tinizja missjonijiet ta' ritorn ta' immigranti. Kien maqbul ukoll li għal Baġit Ewropew 2016, ikun hemm provvedimenti għal European Return Programme. Dan kollu dejjem waqt li jiġi assigurat li l-persuni li jintbagħtu lura ikunu persuni li ma għandhomx dritt għall-ażil u li l-EASO tikkonferma li ġejjin minn '*safe country of origin*'.

Dan kollu jkompli jagħti importanza kbira lir-rwol li se jkollu dak li qed jissejjaħ il-Valletta Summit fejn f'Malta f'Novembru li ġej se jiltaqgħu l-mexxejja tal-pajjiżi Ewropej u Afrikani biex jiddiskutu dwar l-immigrazzjoni.

Il-Valletta Summit għandu jservi biex l-Unjoni Ewropea tassisti lill-pajjiżi Afrikani fil-ġlieda kontra t-traffikanti ta' persuni; ikollna diskussjonijiet diretti fuq koperazzjoni fuq politika ta' ritorn; kif ukoll, li jibda jkun hemm miri ċari biex l-għajnuna għall-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea lejn dawn il-pajjiżi tkun iffukata biex tindirizza l-kawżi li jwasslu biex numru ta' persuni jippruvaw jitilqu minn pajjiżhom.

Skont l-aħħar indikazzjonijiet li għandna, il-Valletta Summit huwa ppjanat li jsir fil-11 u 12 ta' Novembru ta' din is-sena. Konferma ta' dan għandha tasal fil-jiem li ġejjin. B'hekk għaddejjin preparamenti paralleli mal-organizzazzjoni taċ-CHOGM biex loġistikament ikollna kollox organizzat bl-iktar mod professjonali.

F'Novembru Malta b'hekk se tkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni internazzjonali bl-organizzazzjoni ta' dawn iż-żewġ avvenimenti importanti.

## DIFIŻA U SIGURTÀ

Ir-realtajiet tas-sigurtà qegħdin jinbidlu. L-instabbiltà ikbar fl-Afrika ta' Fuq, il-ġrajjiet fl-Ukraina u t-theddid intern minn estremisti fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma sintomi ta' dan it-tibdil. Għaldaqstant, il-mod ta' ħidma tal-Unjoni Ewropea għandha bżonn tinbidel bil-ħtieġa ta' ħidma iktar unita bejn l-Istati Membri. L-Istrateġija kurrenti dwar is-Sigurtà fl-Unjoni Ewropea kienet ġiet maqbula fl-2003, meta d-dinja kienet ħafna differenti milli hi llum. Għalkemm it-theddid li d-dinja kienet qed tesperjenza fl-2003 għadu persistenti llum, il-metodi u l-għażliet biex nindirizzaw dan it-theddid għandhom bżonn ta' ħsieb mill-ġdid.

Il-Kunsill Ewropew għalhekk qabel li azzjoni għandha tittieħed fi tliet oqsma: l-ewwel nett billi jsir xogħol fuq l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà Interna u l-implimentazzjoni sħiħa tal-

ġlieda kontra t-terroriżmu; ħidma minn naħa tar-Rappreżentant Għoli biex sal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju tas-sena d-dieħla tiġi ppreżentata *EU Global Strategy on Foreign and Security Policy*; u finalment, ikompli x-xogħol ukoll biex ikollna Politika Komuni għas-Sigurtà u d-Difiża.

**XOGĦOL, TKABBIR EKONOMIKU U KOMPETITTIVITÀ**

Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda l-European Semester billi qabel mal-Country Specific Recommendation u ħeġġeġ l-implimentazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin laqa' b'mod pożittiv il-qbil li sar fuq l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Matul il-laqgħa, kellna l-opportunità li niddiskutu t-teknoloġiji diġitali u l-opportunitajiet li dawn iġibu magħhom. Tkellimna kif Suq Waħdieni Diġitali jkun jista' jintuża għal tkabbir ekonomiku fir-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward qbilna li għandhom jiġu adottati mill-iktar fis possibbli t-*Telecommunications Single Market Regulation* u d-*Directive on Network and Information Security*, kif ukoll id-*Data Protection Package* sal-aħħar ta' din is-sena.

**UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA**

Ġie ppreżentat waqt il-Kunsill Ewropew rapport li kien mitlub f'Ottubru tal-2014 dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-Kunsill, fiż-żmien li ġej, se jkun qiegħed jeżamina dan ir-rapport biex jaqbel fuq numru ta' miżuri li jkunu jistgħu jittieħdu fl-immedjat biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea.

**RENJU UNIT**

Waqt il-Kunsill Ewropew il-Prim Ministru Ingliż David Cameron ta spjegazzjoni dwar il-proċess li r-Renju Unit se jkun qiegħed jgħaddi minnu bi preparazzjoni għar-referendum dwar is-sħubija fl-Unjoni Ewropea tar-Renju Unit. F'dan ir-rigward fil-jiem ta' qabel il-Kunsill Ewropew, il-Prim Ministru Cameron tkellem mal-mexxejja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom miegħi.

Matul il-konverżazzjoni li kellna, spjegajt li Malta ma taqbilx mal-ebda bidla fit-trattati jew xi bidliet sfurzati fir-rinegozjati tal-pakkett tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, Malta hi lesta li tiddiskuti kundizzjonijiet flessibbli għar-Renju Unit u għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tkompli tisħaq li dawk il-kompetenzi li huma tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bħat-taxxa, jibqgħu kompetenza nazzjonali biss.

Ir-referendum tar-Renju Unit jista' jkun li jseħħ waqt jew ftit qabel il-Presidenza ta' Malta tal-Unjoni Ewropea fl-2017, b'hekk se nkunu qed insegwu mill-qrib ħafna dak li se jkun qed iseħħ.

*Aktar tard waqt is-seduta, il-Prim Ministru aġġorna l-Kamra dwar żviluppi li kienu seħħew minn meta saret l-istqarrija fis-6.30p.m.*

Kif għedt iktar kmieni llum waqt l-istqarrija ministerjali, dak il-ħin kienet għaddejja laqgħa tal-Eurogroup – il-ministri tal-finanzi taż-żona ewro permezz ta' *teleconference* – li matulha l-Greċja b'mod formali talbet għal pakkett ġdid ta' għajnuna għal medda ta' sentejn. Matul din il-laqgħa

ssemmiet ukoll il-possibbiltà li l-Gvern Grieg jibdel il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-referendum, jiġifieri jew ibiddel ir-rakkomandazzjoni lill-poplu li minflok jivvota le jivvota iva, jew li titbiddel il-mistoqsija kollha kemm hi tar-referendum, jew li saħansitra jiġi sospiż l-istess referendum ta' nhar is-Sibt li ġej. Madankollu, ma kien hemm l-ebda tip ta' proposta ċara fir-rigward tal-*prior actions*, jiġifieri l-liġijiet u l-miżuri li għandha tieħu l-Greċja qabel ma jkun ikkunsidrat xi tip ta' estensjoni jew programm ġdid. F'dan ir-rigward, il-ministri taż-żona ewro ddeċidew li ma jkun hemm l-ebda tip ta' estensjoni għaliex is-sitwazzjoni minn nhar is-Sibt li għadda, meta ltaqgħu l-aħħar, ma nbidlitx u għalhekk iddeċidew li ma jkunx hemm estensjoni lil hinn mil-lejla għall-programm tal-Greċja.

Fir-rigward tat-talba tal-Greċja għal programm ġdid, dan ser jiġi diskuss għada wara li l-Greċja tibgħat it-tieni ittra tagħha, fejn tagħmel ir-rikjesti tagħha u anke lista ta' azzjonijiet li lesta li tieħu. Għada, matul il-ġurnata, kif tiġi rċevuta din l-ittra, se ssir laqgħa oħra, *teleconference*, tal-Eurogroup sabiex jiġi diskuss dan kollu. *Salvo imprevisti*, biex ngħidu hekk, ma jidhirx li llejla hemm xi possibbiltà li l-programm eżistenti jiġi mtawwal b'tali mod li l-Greċja ma tiġix f'*default* mal-IMF. Sadanittant il-Gvern Grieg, permezz tad-Deputat Prim Ministru tiegħu, ħabbar li għamlu talba formali lill-IMF sabiex l-IMF – kif qed nifhem jien – unilateralment jipposponi d-*deadline* tal-lejla f'nofsillejl.

Iktar milli opinjonijiet, dawn huma l-fatti ta' x'ġara s'issa. Ma naħsibx li hemm lok ta' xi żviluppi oħra bejn issa u nofsillejl, x'ħin jiskadi t-terminu. Hemm diskussjonijiet li għaddejjin dwar programm ġdid, liema diskussjonijiet ser ikomplu matul il-ġurnata ta' għada. Għalhekk jekk qatt id-diċitura "*a week is a long time in politics*" kienet vera, ċertament li dan huwa każ fejn din ser tkun ġimgħa twila ħafna għall-Greċja u għall-Ewropa.